# Animazzjoni - Ir-raba' Ħadd ta' matul is-sena (Sena Ċ)

## Dhul:

Inġbarna hawn flimkien sabiex niċċelebraw il-liturġija tar-raba' Ħadd ta' matul is-sena. Il-liturġija ta' dan il-Ħadd tistedinna sabiex nitolbu lil Alla jgħinna ħalli nkunu bnedmin aħjar.
Nagħtu bidu għal din il-quddiesa billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien.

## Qari:

Fil-Liturġija tal-Kelma tal-lum, naraw lill-profeta Ġeremija jaċċetta s-sejħa li jkun profeta avolja kien qed jibżà. Il-Mulej lilu wiegħdu li ser ikun miegħu tul il-vokazzjoni tiegħu. Kif Ġeremija kien mibgħut minn Alla, Ġesù wkoll kellu din is-sejħa. Is-sejħa tiegħu iżda kienet li jxandar il-Bxara t-tajba (lill-ġnus kollha). Din il-bxara laqgħuha ħafna nies u permezz tagħha n-nies kibru fl-imħabba.
Nisimgħu b'attenzjoni l-qari.

**Salm Responsorjali:** Fommi jxandar il-ġustizzja tiegħek.

## Offertorju:

Ħaġa essenzjali fil-ħajja tan-nisrani hija l-umiltà. Ejjew għalhekk inpoġġuha fil-prattika wkoll f'dan il-mument permezz tal-offerti tagħna lil Alla.
Filwaqt li jitilgħu l-offerti, inkantaw flimkien.

## Tqarbin

L-aċċettazzjoni ta' Alla fil-ħajja ordinarja tagħna timplika l-għixien tal-faqar fl-ispirtu. Ejjew ukoll f'dan il-mument naċċettaw lil Alla f'ħajjitna billi nirċevuh f'qalbna.
Nersqu biex nirċievu lil Alla ħaj, filwaqt li nkantaw flimkien.